MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Numru 261/2003

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Mario Tonna, iben Joseph,
imwieled il-Belt, Valletta
fl-1 ta' awissu, 1953

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'San Ġiljan, bejn it-8 ta' mejju, 1998 u l-24 ta' lulju, 2002 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, bħala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe' 'Memories', Triq Gort, San Ġiljan b'mezzi qarrieqa li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkometta serq ta' dawl elettriku tal-valur ta' Lm1,908.35 għad-dannu tal-

Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. talli fl-istess data, lok, ħin, żminijiet u ċirkostanżi volontarjament ħassar jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku, jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom liema ħsara hi ta' Lm30 għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' marzu, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikolu 326 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal ta' l-1 ta' frar, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-im putat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fl-24 ta' lulju, 2002 impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru fil-fond hawn fuq imsemmi fuq talba tal-konsumatur għaliex kien inqatagħlu d-dawl. Jirrizulta li f'dak il-perjodu kien hemm problemi fis-servizz tal-provvista tad-dawl. Meta dawn in-nies marru fuq il-post sabu li kollox kien f'postu bl-eċċezzjoni taż-żewġ siġilli ħomor tal-cover tal-meter li dehru li kienu mbagħbsa. Konsegwenza ta' dan il-fatt infetħet inkjesta. L-espert tal-Qorti mar fuq il-post u sab li fid-disk tal-meter li jirreġistra l-konsum kien hemm barxa ħafifa ħafna fuq il-wiċċ tiegħu. Il-meter kien tajjeb u meta mar fuq il-post il-meter kien qed jirreġistra l-konsum ħlief għall-phase safra li kellha l-wire maħruq.

Illi fil-fehma tal-espert hu diffiċli ħafna li tipprova li xi ħadd bagħbas ma dan il-meter u minn indiżji oħra li huma elenkati fir-relazzjoni tiegħu deher li ma kienx konvint li kien hemm xi tbagħbis.

Illi l-imputat xehed u ċaħad li hu qatt bagħbas il-meter tad-dawl. Hu qal li saħansitra darba minnhom minħabba li l-cable li tpoġġa ma kienx tajjeb sofra mat-Lm3,000 danni meta kellhu qtugħ fil-provvista tad-dawl. Hu eżebixxa il-kontijiet tad-dawl u minn dawn jirrizulta li l-imputat dejjem ħallas ammont kostanti fil-perjodi kollha.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti meta tiġi analizzata x-xhieda tal-espert tal-Qorti u dik ta' l-imputat hemm dubji serji fuq dak li seta' ġara. Fiċ-ċirkostanżi l-imputat xejjen il-presunzjoni tal-liġi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------